# In-Naska

FRANS SAMMUT

KIENU ltaqgħu għal lezzjonijiet ta' fil-għaxija. Kienet donnha xammitu qed iħares lejha, ħallietu jwarrab ħarstu minn fuqha, ħarsitlu hi u nġibdet lejh. Ma tafx sew għaliex. Sabiħ ma kienx. Kien ismar imdaħħan, imġissem, ikbar minnha biċċa sew u fuq kollox kellu dehra goffa u leħnu aħrax. Imma kienet inġibdet lejh minkejja kollox. L-aktar għax hu kien jidher miġbud lejha wkoll; kieku ma kienx hekk ma kienx jagħtiha dak il-ħars fit-tul. Hi qatt ma stenniet wisq mill-irġiel. Li raġel, ikun ta' liema xorta jkun, iħares lejha b'dak il-mod kienet tgħoddu kumpliment.

Għall-ewwel kienet aktar kurżità li ħasset. Riedet issib x'ralha, għalfejn jagħtiha dik il-ħarsa li tfisser ħafna. Raġel ta' l-għomor tiegħu bilfors li kien sar jaf għadd ġmielu ta' nisa ... la qagħad iħarsilha bilfors li kien fiha x'tara. Kienet f'burdata ta' avventura u ġieli tħossha wkoll weħidha. Kienet bdiet tmur għal-lezzjonijiet għax l-għarus jibqa' x-xogħol bis-sahra—kienu jeħtieġu bosta flus biex jibnu u jiżżewġu—u kienet tiddejjaq weħidha, ma tafx x'se taqbad tagħmel fil-għaxija.

Wara l-lezzjoni stedinha jwassalha d-dar bil-karozza u hi laqgħet l-istedina donnha f'ħolma. Huma u sejrin tkellmu fit-tul u baqgħu jitkellmu saħansitra wara li waslu. Sabet li, kif kienet basret, kien jaf jitkellem fuq bosta ħwejjeġ. Imqar jekk kien goff, kien jaf xi jgħid. Ma sogħob biha xejn li ħallietu jwassalha u d-darba ta' wara mxiet miegħu 'l barra bla ma kellu għalfejn jistedinha. Twebblet li xejn ħażin ma kien se joħroġ minn dil-ħbiberija, l-ewwelnett għax hi tfajla soda u t-tieni għax hu wkoll deher li kellu rażan kbir fuqu nnifsu.

Din li jwassalha sa ftit 'il bogħod mid-dar ħaduha drawwa. Iżda hu baqa' ma saqsieha xejn fuqha nnifisha. Donnu ma kienx imxennaq biex isir jaf fuqha aktar milli kien miklub biex ikellimha fuqu nnifsu. Damet żmien ma qaltlu li kienet għarusa u li fejn kien iwassalha ma kienx qrib id-dar tagħha, iżda qrib dar l-għarus u li xħin jitlaq hu, hi ddur mal-kantuniera u tmur tiltaqa' ma l-għarus li s'issa jkun wasal lura d-dar mix-xogħol.

Ma kienet ħasset li qed tagħmel xejn ħażin. L-aktar billi hu baqa' ma għamel l-ebda ċaqliqa li minħabba fiha togħkorha għajnha minnu. Iżda mbagħad bdiet tħoss li ftit ftit qiegħed iġegħelha tinteressa ruħha fih, x'aktarx iżjed milli kien fi ħsiebha tagħmel hi fil-bidu. Donnu t-tagħrif li kien jagħtiha fuq il-ħwejjeġ li jitkellmu fuqhom, il-kotba, il-mużika, il-

bċejjeċ teatrali, il-films, kien tagħrif maħsub biex iqanqlilha l-kurżità mhux dwar l-arti, li hi kienet tħobbha biżżejjed, iżda dwaru. Imma issa li ntebħet bi ħsiebu ntebħet ukoll li kien tard wisq. Kien qiegħed, bil-mod il-mod, isir l-eroj tagħha. Għandu mnejn mhux eroj ta' veru, aktar eroj bħal tal-kotba li kienet tħobb taqra.

Imbagħad bdiet tistaqsi lilha nnifisha, kif kien jaraha hu min-naħa tiegħu. Darba, x'imkien, kienet qrat li l-Ispanjoli hekk jagħmlu man-nisa, iħajruhom ftit ftit, bis-sengħa, bil-għaqal. Mhux bħat-Taljani li kollox iġri u ġerri, jew trid jew ma tridx u suq għax sebaħ. Peter kien Spanjol li jdum jilgħab ma' qrun il-barri ħin twil sakemm il-barri, għoddu mifluġ, jiġih fil-qagħda li jrid hu, u mbagħad, b'demm biered, jagħtih id-daqqa tal-mewt.

L-għarus baqa' ma ntebaħ b'xejn. Sewwasew għax hi kienet tħoss li ma qed tagħmel xejn ħażin. Fi mġibitha ma seta' jxomm xejn. Kienu jiltaqgħu weħidhom fid-dar il-ġdida, għadha tinbena, u jsibha lesta għalih bħas-soltu. Hi ma kellhiex bżonn ta' maħbub ieħor barra mill-għarus, kienet tfakkar bosta drabi lilha nnifisha. U hekk baqgħu sejrin ġimgħa wara ġimgħa, jiltaqgħu biss nhar ta' Ħamis, iqattgħu ħin ġmielu jitkellmu fid-dalma tal-karrozza tiegħu u, mbagħad, hu jitlaq lejn id-dar u hi lejn dar l-għarus.

Darba minnhom kienet id-dar t'ommha weħidha xħin qatgħetha ċ-ċempila tat-telefon. Ħasbitu l-għarus u marret twieġeb. Stagħġbet meta flok leħen l-għarus tisma' leħnu. Bil-ħasda ma kinitx taf x'se tagħmel.

"Susanna?" qalilha. Leħnu kien sod.

Kienet l-ewwel darba li semgħetu jsejħilha b'isimha. Fil-karrozza kien donnu jevita li jsemmi isimha.

"Hawn kif sibtni?" saqsietu, bejn imgħaġġba bejn ferħana.

"Qallibt id-direttorju, dak kollu," wieġeb il-leħen sod. L-eroj minn dinja oħra nstema' aktar f'postu, taraħ bla ma tisimgħu. Kien jinstema' nebbiexi b'kuntrast mas-soltu meta leħnu kien aktar jixhed ħerqa biex iżommha ferħana, titkellem fuq il-ħwejjeġ li jogħġbuha, ma jmeriha qatt f'xejn, anzi lest biex jaqbel magħha u jagħtiha raġun imqar meta hi ma kinitx ċerta li kellha raġun. Dit-tinbixa għoġbitha. Kemm seta' jdum raġel ma jagħmel l-ebda ċaqliqa, la 'l hawn u la 'l hinn? Wara kollox, huma kienu raġel u mara, u jagħmlu ħilithom kemm jagħmlu biex tabirruħhom m'humiex f'qagħda fejn il-ġens tagħhom kellu xi sehem qawwi ma setgħux jibqgħu sejrin għal dejjem. Min-naħa l-oħra l-ħsieb li kellu l-ħila jċemplilha d-dar bis-sogru li twieġbu ommha beżżagħha. Ma riditx għad-dinja li xi ħadd jintebaħ li kienu ħbieb, li ma jmurx ixomm xi ħaġa l-għarus u jinqala' l-għawġ bejniethom. Jekk riedet kollox, għawġ bħal dak ma riditx. Biżżejjed kellhom l-għawġ ta' kif ilaħħqu mad-dejn tal-bank u ma' kull xorta ta' djun oħra. Bejn ħalltejn kif kienet ma setgħetx tagħraf x'se taqbad tgħidlu. F'daqqa waħda sogħob

biha li laħqu saru daqshekk ħbieb. Ħbiberija bħal din x'tambiha? F'waqt wieħed ma setgħetx ma tiħux pjaċir li ċemplilha. Wara kollox, ommha ma kinitx hemm u ma kien hemm sogru ta' xejn. Anzi ferħet li kien daqshekk qlubi li jissogra aktar minn oħrajn, u wasal biex ċemplilha, Għandha mnejn għalhekk kien inġibdet lejh. Kienet xammet li kien raġel li jasal. Imma fejn riedu jaslu? Fejn riedet tasal hi? U fejn ried jasal hu? S'issa kien wasal żgur li minn tant nies kunjomhom Borg, minkejja li ma tatu l-ebda ħjiel hi, kien sab l-indirizz u t-telefon tagħhom. Ħila taqta' l-kurżità l-kbira ta' x'ried minnha ma kellhiex, imma għallinqas ħila tistħarreġ kif sabha fid-direttorju kellha.

"Imma daqshekk hawn Borgijiet f'dal-pajjiż!" qaltlu.

"Għadek ma drajtnix?" qalilha l-eroj faħħari u siket.

"Ridt xi ħaġa?" qaltlu biex tkun tkellmet.

"Xejn, nisma' ftit leħnek."

"Ma stajtx tistenna sa nhar il-Ħamis?"

"Il-Ħamis għadu 'l bogħod," wieġeb leħnu ħarir, "tħajjart nerġa' nisimgħu llum."

"Imma llum għadu s-Sibt," ħarbilha l-kliem minn bejn xofftejha.

"Għada fejn sejra?"

"Għalfejn trid tkun taf?"

"Għax ħsibt li niltaqgħu ftit." Il-leħen ma kienx sod daqs qabel.

"Ma jistax ikun," għoddha ħatfitu.

"Għaliex?" laqlaq il-leħen.

"Għaliex ngħidlek nhar il-Ħamis," qaltlu b'leħen sod hi wkoll.

Kien hemm ftit tas-skiet fuq il-linja – donnu kien qed jaħseb x'se jgħid – u mbagħad reġa' nstema':

"Tajjeb, għidli l-Ħamis mela."

Sellmilha u qata'.

Kien tmiem il-ġimgħa xort'oħra ħafna minn ta' ġmiegħi oħra. Għad li ħarġet mal-għarus bħas-soltu u marret għand niesu, moħħha baqa' jberren fuq ħaġa waħda. Dak il-leħen sod fuq it-telefon u l-istedina tiegħu. Tista' tgħid sogħob biha li ma laqgħetx l-istedina. L-għarus ma kienx se jintebaħ u la ma jintebaħx ma jkun ġara xejn. Iweġġa' biss jekk isir jaf b'xi ħaġa: sakemm jibqa' sajjem ma jiġrilu xejn. Hi, wara kollox, ma kienet għamlet xejn ħażin, baqgħet twebbel lilha nnifisha.

Xħin daħlet torqod bdiet taħsibha mod ieħor. Xħin niżżlet rasha fuq l-imħadda ma kinitx ċerta daqs qabel li ma kien ġara xejn bejnha u bejn Peter li kellu jweġġa' lill-għarus. Għamlet ħilitha biex torqod, imma ma setgħetx. Qabdet ktieb minn fuq il-komodina – rumanz li kienet ilha li bdietu iżda li Peter qalilha li ma kienx tal-livell tagħha u neħħielha l-ġibda li tkompli

taqrah – u bdiet tqalleb il-paġni. Qrat ftit iżda malajr intebħet li dak li taqra tinsieh ma' l-ewwel u reġgħet qiegħdet il-ktieb fuq il-komodina. Tfiet id-dawl biex toqgħod taħseb fid-dlam u kellha tistqarr magħha nnifisha li bejnha u bejn Peter kien hemm xi ħaġa misterjuża. Ma setgħetx tkun taf x'inhi u tqarrset meta ftakret li ħtija tagħha stess kellha tistenna sa nhar il-Ħamis biex, għandha mnejn, tibda tikxef xi ftit minn dan il-misteru.

Qagħdet taħseb fid-dlam u ġġib quddiem għajnejha lil Peter. Infirxet tbissima fuq wiċċha tarah jagħtiha dik il-ħarsa ta' bosta tifsiriet u hi tixxemmex fiha tħossha sultana tal-ġmiel. X'aktarx dan kien is-seħer ta' Peter: kellu l-ħila jġegħelha tħossha sultana sabiħa li ġġennen lill-irġiel warajha. L-għarus kien iħobbha, ma kellhiex dubju, iżda ma kellux din il-ħila. Hi kienet tħobbu wkoll iżda xorta ma kinitx tħoss dak li tħoss meta tkun ma' Peter. Għandha mnejn, ħasbet, għaliex ma Peter kienet biss ħbieb. Qatt ma qorbu lejn xulxin bħalma qorbu u twaħħdu hi u l-għarus. Ma kinux midħla ta' xulxin u għalhekk bilfors jibqgħu msaħħrin b'xulxin.

Iva, dik hi l-kelma. Imsaħħrin. Issa kienet ċerta li Peter issaħħar warajha tassew – dik iċ-ċempila kienet il-prova – bħalma kienet ... miġbuda lejh hi. Iġri jasal il-Ħamis kien l-aħħar kliem li ssawwar fuq fommha qabel ma marret għajnha biha u raqdet fil-fond. L-iljieli ta' wara batiet biex raqdet u kull darba li tkun se tmur għajnha biha kien hemm Peter quddiemha u mhux l-għarus li tant kienet tħobb u kellha d-dinja bih.

Il-Ħamis wasal. Telqet mix-xogħol bil-għaġla. Kif waslet id-dar kielet malajr, straħet kemmkemm u nħaslet. Ma riditx tistqarr magħha nnifisha iżda kellha seba' mitt sena tilbes biex toħroġ. Minkejja l-għaġla kollha ndilket bl-aqwa fwieħa li kellha, bil-mod, u ftakret fir-ritwal li kienet issegwi għall-ewwel li bdiet toħroġ mal-għarus: ritwal li jaf ikun isbaħ miċ-ċerimonji l-ewlenija li għaliha mistenni li jkun biss id-dħul.

Fejn is-soltu Peter ġie li jiġi tard daqqa bi skuża daqqa b'oħra, għad li mbagħad jintasab bil-qiegħda ħdejha u ma jaqlax għajnejh minn fuqha, illum kien hemm qabilha, jistennieħa. Illum ħarstu wkoll żammha mitfugħa band'oħra, saħansitra fuq l-għalliem li kien qalilha kemm ma jifilħux, u qagħad jisma' l-liġijiet ta' l-ekonomija, għall-inqas mill-qoxra 'l barra, b'dehwa kbira. Jekk kien fuq ix-xwiek, bħalha, ma deherx. Dawn l-irġiel kollha xorta, ħasbet, għandhom ħila ta' l-għaġeb jaħbu dak li jkunu qegħdin iħossu.

Xħin fl-aħħar l-arloġġ kellu ħniena minnha u l-lezzjoni waslet fi tmiemha. għaġġlet aktar mis-soltu biex toħroġ qablu u tmur tiltaqa' miegħu ħdejn il-karrozza pparkjata fi triq dejqa fejn ma tagħtix fil-għajn. Laħaqha ftit wara, daħlu fil-karrozza u telqu. Flok ġibed lejn in-naħa tas-soltu, Peter qabad triq oħra. Hi ma qaltlu xejn. Setgħet tobsor li la kellu xi ħaġa x'jgħidilha ma

kienx jagħmel bħal dari. Baqgħet siekta fid-dalma, tħarislu minn taħt, b'xoffitha kemmxejn imdendla, tarah goff iżda ħiemed, isuq donnu m'hu se jieqaf qatt. Fl-aħħar waslu f'post 'il bogħod mill-ħamba tal-belt u Peter waqqaf il-karrozza mal-bankina. Ħarset madwarha fin-nofs dalma ta' barra u ma setgħetx tilmaħ għajr ftit karrozzi pparkjati 'l hawn u 'l hinn, imbegħdin minn xulxin kemm jistgħu kif jagħmlu l-klieb li moħħhom biss jibilgħu l-ikel ta' quddiemhom qabel jeħodhulhom xi kelb ieħor.

"Hawn aħna," qaltlu xħin is-skiet dejjaqha, "ma nixtieqx indum wisq u hawn aktar 'il bogħod mis-soltu."

Peter dam ma wieġeb. Donnu ma kienx jaf x'se jaqbad jgħid. Fl-aħħar ħa nifs qawwi 'l ġewwa, dawwar wiċċu lejha u fid-dlam semgħetu jgħid:

"Issa la qegħdin hawn, noqogħdu ftit ieħor, ili nistenniek tant!"

"Imma x'inti tistenna, propjament?" qaltlu kemmxejn imnervza.

"Li niltaqa' miegħek, le?"

"Għalhekk ċempilt is-Sibt?" reġgħet. "Ma stajtx stennejt li niltaqgħu l-Ħamis kif ilna nagħmlu dax-xhur kollha? Xi ħaġa ġdida għandek f'rasek, mhux hekk?"

Reġa' ma nstema' xejn min-naħa tiegħu. Il-fwieħa tagħha biss kienet taħkem fil-karrozza. Donnha għadbet li ma semmielha xejn fuq il-fwieħa taqsam il-qalb.

"Isma', ħi, jew se tkellimni jew immorru 'l hemm!" Leħinha mserdak kellu ħarira għadab mibruma miegħu.

"Taf li togħġobni, hux, meta tkun irrabjata!" qalilha leħnu jidħak.

"Jiena xejn ma nieħu pjaċir meta nkun irrabjata!" qaltlu u leħinha nstema' jistqarr is-sew.

"Dak min-naħa tiegħek," weġibha, "min-naħa tiegħi mod ieħor."

"Inti kollox hekk, jimpurtak biss min-naħa tiegħek."

"X'jiġifieri?"

"Ara x'jiġifieri! Xejn ma jimpurtak li jiena għarusa ..."

"B'daqshekk?"

"Kif b'daqshekk, kemm int ħelu!"

"Jiena m'għedtlekx biex titlaq l-għarus ..."

"Inti qatt m'għedtli xejn minn daqshekk."

"Xi tridni ngħidlek?"

"Nixtieqek tgħid xi ħaġa serja."

"Nipprova."

Hi daħket u ħasditu. Ma kinitx sewwasew daħka mqanżħa. Imma lanqas ma kienet daħka ta' ferħ. Aktarx kienet tixhed li ma kinitx f'qagħditha sew. Xħin semgħet id-daħka tagħha stess iddur u tidwi mal-ġewwieni tal-karrozza, siktet, imbagħad nefħet biex turih li kienet qiegħda tiddejjaq.

"X'qed tagħmel?" qaltlu xħin rat li reġa' se jibqa' sieket.
"Qed nipprova."
"X'qed tipprova?" riedet tkun taf minn ġod-dlam.
"Naħseb f'xi ħaġa serja x'ngħidlek."
"Ma nafekx trid iddum taħseb biex titkellem ..."
"Meta nkun irrid ngħid xi ħaġa serja iva."
Baqgħu siekta fil-karrozza bla ma jħarsu lejn xulxin. Ratu xitan imma ma riditx tkellmu hi. Fl-aħħar qalilha:
"Dil-fwieħa ma togħġobnix."
"Qgħadt iġġibni s'hawn biex tgħidli li ma togħġbokx? U x'hemm li ma jogħġbokx fiha?"
"Qawwija wisq."
M'għarfitx x'taqbad tgħidlu. L-ewwel wieħed li ltaqgħet miegħu li ma togħġbux il-fwieħa. Mid-dehra mhux biss kien jidher selvaġġ, imma selvaġġ veru.
"Skużani, ma kontx naf li l-fwejjaħ idejquk."
"Tibżax," qalilha u niżżel it-tieqa donnu biex għemilu jorbot ma' kliemu.
"Kienet se tifgak, jaqaw?" saqsietu bi nkejja.
"Tridx nitkellmu fuq xi ħaġa oħra?" qal biex jibdel il-kliem.
Hi ħadet nifs 'il ġewwa u tfanstet. Ried jgħidilha xi ħaġa imma ma setax. Ma kellux il-ħila. Reġgħu siktu u damu siktin fid-dlam. Dil-qagħda kienet iddejjaqha wisq. Kien qisu kaċċatur li m'hux ċert għandux jaħtaf il-priża. Tgħid marlu l-aptit? Għandha mnejn il-priża ma kinitx ta' min jaħtafha?
Wara dak inhar damu ma ltaqgħu għax l-ewwel ma setgħetx tmur hi għal-lezzjoni u mbagħad ma setax imur hu. Imma beda jċemplilha fuq ix-xogħol u jgħaddu s-sigħat jitkellmu. Darba xtrat fwieħa ġdida u kienet se ssaqsih, biex tiċċajta, hux qed ixommha fuq it-telefon. Iżda ratha ċajta fiergħa u ma qaltlu xejn. Ħalliet lilu jitkellem. Kien ikellimha fuq kollox u jieħu gost jismagħha – din kienet togħġobha wisq fih: kellu sabar kbir jismagħha – u flimkien missew tista' tgħid is-suġġetti kollha taħt il-kappa tax-xemx.
Darba deher li kellu l-burdata joqgħod ikellimha fuqu nnifsu. Semmielha l-irqaqat kollha ta' fejn kien twieled u trabba: f'tarf ir-raħal u qrib il-bidu ta' rħajjel żgħir, Ħal Bardu, erba' triqat u knisja ċkejkna medjevali kollox. Pinġielha xbiha sħiħa tad-djar qodma ta' l-irħajjel, uħud għadhom sal-lum tas-sejjieħ, li fihom, f'torbitu, in-nies kienu joqogħdu mal-bhejjem bħal fl-irziezet. Intebħet li kien iħobbu 'l Ħal Bardu għad li jmaqdru bi kliemu. Fuq kollox, pinġielha n-nisa ta' Ħal Bardu, jgħannu huma u jaħslu u jonxru, iġorru l-ilma mill-għajn, jaħilbu l-mogħoż, jiġru b'uliedhom, jitgħajru u jieħdu ħsieb xulxin, jiġġieldu bejniethom imma jitqatlu għal xulxin ma' min ikun minn x'imkien ieħor, jiġifieri mqar triq bogħod mit-truf ta' Ħal

Bardu. Hu kien jiġri ma' wliedhom u jidħol fi djarhom. Jarahom jaħdmu bla heda, jilmaħ l-isdra bojod lift ireddgħu t-trabi, id-dirgħajn somor suwed, mibrumin, jagħmlu l-ħasla. Sthajlitu Gaugin imsaħħar bin-nisa ta' Taħiti. Ħassitha tgħir għalihom, dan-nisa li Peter kien tant jifraħ ifaħħar. Imbagħad gidmet xoffitha. Ma kellhiex il-jedd tgħir għalihom. Peter ma kienx tagħha. U lanqas hi m'hi tiegħu. Hi kellha l-għarus u Peter kien persunaġġ tal-ħolm, lil hinn minnha. Qatt ma missha, lanqas biss qatt ma biesha.

Tkellmu fuq bosta ħwejjeġ oħra. Dak inhar u drabi oħra. Sa ma fl-aħħar kienet ċerta li kien jaf fuq kollox fuqha, fuq ommha, fuq oħtha, saħansitra fuq nannitha. Fuq l-għarus qajla kienu jitkellmu, lanqas meta joqrob jum it-tieġ. Donnha dak li ma kinitx tista' tirrakkontah lil Peter kienet taraħ jitlef mill-qofol tiegħu. Kienet ċerta li Peter kien sar il-ħares tagħha. Meta ma jċempilx tiddejjaq, meta jċempel tinħasad u tibża' kif għandha ġġib ruħha miegħu. Iżda hu qisu mhux hu. Dejjem xorta. Ma jmeriha f'xejn. Jekk ikun se jagħdab jerġa' lura minn kliemu u jaħfrilha. Kien sar aktar missier milli ħabib. Dak inhar tat-tieġ ħasset in-nuqqas tiegħu. Iżda ma setgħetx tgħidlu għax hu għamel żmien ma jċempilx. Bla ma qalilha xejn, bla ma ftiehmu x'għandhom jagħmlu f'dil-qagħda wera ruħu għaref u ma ċempel xejn. Meta donnu qies li kien ħalla żmien biżżejjed jgħaddi ċemplilha u reġa' beda jitkellem qisu t-taħdit ta' bejniethom qatt ma kien waqaf.

Saqsieha kif inhi sejra fil-ħajja l-ġdida. Qaltlu, u daqshekk. Reġa' qabad bħal dari jitkellem fuq il-ħwejjeġ żgħar ta' kuljum, fuq is-saram tal-Manoel u t-tweġħir li jara s-siparju nieżel għall-aħħar darba jekk ma jsibx għajnuna finanzjarja malajr, fuq il-wirjiet ta' l-arti. Darba minnhom semmielha wirja ta' għamara antika li saret l-Imdina. Qaltlu li għandha rokna fid-dar il-ġdida li għadha ma tafx biex se timlieha u qalilha li xtaq jgħaddi jaraha, id-dar il-ġdida. Għall-ewwel inħasdet, ma kinitx taf x'se taqbad twieġbu. Imbagħad qaltlu li seta' jgħaddi meta jrid sakemm ikun fil-għodu u mhux xi ħin ieħor.

Billi qatt ma ftiehmu għal meta kellu jgħaddi, dak inhar li ħabbat il-bieb u ssibu ma' wiċċha, inħasdet sew. Mhux biss ma kinitx imbiddla, iżda xagħarha kien imqanfed, kienet liebsa lbies ta' ġewwa u għarqana xraba. Ġibditu 'l ġewwa malajr għax ma riedithomx jarawh in-nies. Għad li l-inħawi fejn bnew in-nies qajla tagħti kas il-ġirien, qatt ma tista' tgħid min jinzerta jkun qed jittawwal, ħasbet.

"Skużani", qaltlu, "ma kontx naf li ġej, sibtni qiegħda naħsel."

Daħal u waqaf iħares lejha. Minn fuq s'isfel. Li ra donnu għoġbu għax bla kliem xejn, dawwar driegħu ma' qaddha u ġibidha lejh. Riedet titkellem, tgħid xi ħaġa, iżda ma ħallihiex. Xofftejh għafsu ma' tagħha u għoddu

għaffigħa miegħu. Kienet tobsor li b'saħħtu, iżda mhux daqskemm inħass dalgħodu. Bi tbatija tefgħetu lura u bla nifs irnexxielha tgħidlu:

"Mhux hawn"

Bla kliem xejn, mexa warajha u daħħlitu fil-kamra tas-sodda. Kien se jħares madwaru jara xi kwadri li kienet xtrat. Imma ma kellux moħħ. Lanqas hi ma dehret li kellha moħħ il-kwadri.

Jekk kien goff xħin daħal fl-intrata, issa kien kalm, jitħarrek b'rażan kbir. Biesha fuq ħaddejha, wara widnejha, tlajja fuq kull parti minnha, bla għaġla ta' xejn. Ħasset li kien qed jogħxa u jitgħaxxaq kull fejn iniżżel wiċċu u jgħaddih magħha. Kienu waqtiet twal, ta' seħer, qisu ż-żmien kien waqaf u nsiet kollox u lil kulħadd, ħlief lil wiċċu jitħakkek ma' tul ġisimha kollu.

Xħin, wara, qam bil-qiegħda fuq tarf il-friex, hi, mimduda, qaltlu:

"X'tak, hekk f'daqqa waħda?"

"Ma stajtx negħleb lili nnifsi."

"Għarqana kif kont, ma ddejjaqtx?"

Hu dar nofsu lejha, ħaseb ftit, u donnu ġie fiha.

"Għarqana? B'daqshekk?"

U bla ma riedet ġewwa f'moħħha n-nisa ta' Ħal Bardu, jaħslu u jonxru, jaħdmu u jagħntu, u ppruvat tistħajjel x'riħa kien ikollhom fuqhom, taħt abthom, madwar għonqhom, f'kull rokna ta' ġisimhom. Kienet ċerta li Peter kien għadu jgħożżha sew in-naska ta' tfulitu.